## 12 ta' Frar, 1965

**Imħallfin:**

**S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D., President.**
**Onor. T. Gouder, LL.D.**
**Onor. J. Flores, B.L.Can., LL.D.**

Evaristo Psaila et

*versus*

George Spiteri

## Danni — Prova ta' — Interessi

*Il-prova tad-danni għandha ssir minn min jippretendihom. Din il-prova mhux bilfors issir b'mod dirett, u jistgħu jittieħdu f'konsiderazzjoni probabilitajiet fondati, u jsiru kalkoli approssimattivi.*

*Id-dannu materjali għandu jiġi kalkolat għab-bażi ta' dak li ġie mitluf minn min sofrieh.*

*L-interessi fuq danni li għandhom jiġu likwidati għandhom jiddekorru mid-data tas-sentenza.*

*Meta si tratta ta' interessi kompensattivi u mhux moratorji jidher li, skond id-dottrina, il-Qorti għandha diskrezzjoni minn meta takkordahom.*

Il-Qorti, rat id-deċiżżjoni tagħha tad-disgħa ta' Novembru, 1956, fejn hemm is-solitu rijassunt taċ-ċitazjoni ta' l-attur u ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut u dik l-oħra tas-sebgħa u għoxrin ta' Jannar, 1958 li biha ġew milqugħa l-ewwel u t-tieni talba u l-kawża ġiet rinvjata lill-ewwel Qorti

għall-likwidazzjoni tad-danni u domandi oħra taċ-ċitazjoni.

Rat id-digriet tal-ewwel Qorti tal-erba' ta' Marzu, 1958, li bih l-Avukat Dottor John Anastasi u Joseph Cost Chretien ġew nominati bħala periti sabiex jagħmlu l-likwidazzjoni oġġett tat-tielet domanda fl-att taċ-ċitazzjoni.

Rat ir-relazzjoni tal-istess periti maħlufa fis-sitta u għoxrin ta' Frar , 1960 u l-verbali tas-seduti miżmuma minnhom u d-dokumenti li ġew lilhom presentati.

Rat id-digriet l-ieħor ta' l-istess Qorti tat-tnejn u għoxrin ta' Marzu, 1960 li bih ġew nominati bħala periti addizzjonali l-P.L. Boris Darmanin, Edward Arrigo u Paul Busuttil.

Rat ir-relazzjoni tal-periti P.L. Boris Darmanin u Edward Arrigo maħlufa fit-tmientax ta' Mejju, 1962 u dik talperit Paul Busuttil maħlufa wkoll fit-tmientax ta' Mejju, 1962 u l-verbal tad-seduta miżmuma mill-istess periti addizzjonali.

Rat ir-rapport addizzjonali tal-imsemmija tlett periti Darmanin, Arrigo u Busuttil;

Rat is-sentenza ta' l-istess Qorti tat-tnejn ta' Ottubru, 1964 li biha ddeċidiet billi għall-fini tat-tielet talba llikwidat d-danni fl-ammont ta' ħamest elef, ħames mija u għaxar liri, għaxar xelini u għaxar soldi (£5,510.10.10) u konsegwentement għall fini tar-raba' talba kkundannat lill-konvenut iħallas l-imsemmi ammont ta' ħamest elef, ħames mija u għaxar liri, għaxar xelini u għaxar soldi (£5,510.10.10) blimgħax u bl-ispejjeż kif mitluba fl-att taċ-ċitazzjoni, wara li kkunsidrat:—

Illi skond l-ewwel rapport presentat minn Dottor John Anastasi u Joseph Cost Chretien, id-danni ġew likwidati għal disat elef, mitejn u sitta u tletin lira, ħames xelini u ħames soldi u nofs (£9,236.5.5½) in kwantu għal tlett elef, u sebgħa mija u erbgħa u sittin lira, tlett xelini u sebgħa soldi u nofs (£3,764.3.7½) telf ta' qliegħ; ħamest elef u tmien mitt lira (£5,800) rifużżjoni ta' kapital versat nieqes tlett mija u sebgħa u għoxrin lira, tmientax il-xelin u żewġ soldi (£327. 18.2) diprezzament tat-trucks, billi l-periti llikwidaw it-telf tal-profitti billi ħadu l-average profits mensili għaż-żmien kollu tas-soċjeta cioe għaxar snin, u wara li naqqsu l-profitti ġa nkassati mis-soċji ddividew id-differenza bejn iż-żewġ soċji bħala profitti potenzjali tal-istess soċjeta. Ma' dan huma żiedu l-kapital li kien ivversa l-attur cioe nofs l-avvjament tal-aġenzija, trucks u għodda ammontanti għal ħames telef u tmien mitt lira, (£5,800) pero naqqsu d-deprezzament tal-istess trucks għaż-żmien li kienet damet is-soċjeta cioe tlett mija u sebgħa u għoxrin lira, tmientax-il xelin u żewġ soldi (£327.18.2) kif spjegat aħjar fir-relazzjoni tagħhom. L-istess periti ssottomettew illi huma għażlu din it-triq peress illi ma kellhomx informazzjonijiet biżżejjed biex jistabilixxu x'setgħu verament kienu jkunu l-profitti tas-soċjeta kieku baqgħet in eżistenza billi d-Ditta Farsons wara li ġiet terminata l-aġenzija tal-kontendenti ma żammetx kotba u kontijiet separati tal-kummerċ tagħha fid-distrett li kien qabel kopert mill-aġenzija tal-kontendenti, fil-waqt li ma nnominatx aġent ieħor minflokhom.

Il-Periti addizjonali, P.L. Boris Darmanin, Edward Arrigo u Paul Busuttil, in vista illi l-qliegħ naqas dejjem mill-1949 u s-soċjeta kienet spiċċat b'telf, u billi ma ġiex assodat illi l-perdita in axxendenza kontinwa għandha tiġi mputata lill-konvenut fil-waqt li ma satax jiġi esklus illi s-soċjeta setgħet ukoll terġa tiffjorixxi, ħassew illi kull ma setgħu

jakkordaw lill-attur kienet il-kwota tal-parteċipazzjoni tiegħu biex daħal fis-soċjeta; pero fil-waqt li l-periti Darmanin u Arrigo ffissaw din il-kwota fl-ammont li effettivament kien nefaq l-attur biex akkwista mingħand l-istess konvenut in-nofs ta' l-avvjament trucks u għodda li huwa vversa fissoċjeta, il-perit Busuttil ivvaluta l-avvjament fid-data ta' meta ntilfet is-soċjeta cioe kemm deherlu li kien jiswa' f'dik id-data, billi l-valur tal-avvjament huwa soġġett għal varjazzjoni dipendenti fuq l-earning capacity tas-soċjeta, u l-prinċipju tal-earning capacity huwa bażat fuq il-valutazzjoni talprofitti li l-azjenda għandha l-probabilita li tagħmel fil-futur (future maintainable profits) liema profitti għandhom neċessarjament jiġu kalkolati fuq il-profitti li saru fuq il-passat. Huwa ivvalutat l-avvjament għal-sitt elef, erbgħa mija u sitta u disgħin lira (£6,796) li għalhekk tlett elef, mitejn u tmienja u erbgħin lira (£3,248) kienu jmissu lill-attur (kontra £5,500) fissati mill-periti addizzjonali l-oħra. Il-perit Busuttil qabel mal-kollegi tiegħu illi l-attur kellu jieħu l-valur intier tan-nofs it-trucks versati fis-soċjeta mingħajr ebda deprezzament cioe ħames mitt lira (£500) kif ukoll disgħa u tletin lira u dsatax il-xelin (£39.19.0) cioe nofs l-ammont ta' disgħa u sebgħin lira u tmientax-il xelin (£79.18.0) cash at bank fit-tmiem tas-soċjeta. It-tlett periti addizjonali rrilevaw ukoll illi skond il-patt numru tmienja tas-soċjeta bejn il-kontendenti f'każ ta' mewt ta' wieħed mis-soċji s-soċjeta kellha tkompli mal-eredi u l-profitti u l-perditi kellhom jinqasmu mhux aktar bin-nofs imma fil-proporzjon ta' 70% a favur tas-soċju superstiti u 30% a favur tal-eredi tal-premorienti. Ma jidherx illi l-ewwel periti ħadu in konsiderazzjoni fil-likwidazzjoni tagħhom il-fatt illi l-attur kien miet fil-mori tal-ġudizzju cioe fid-dsatax ta' Diċembru, 1954.

Il-Qorti ma' tħossiex ġustifikata illi taċċetta l-likwidazzjoni tad-danni kif magħmula mill-periti Dottor Anastasi u

Joseph Cost Chretien u tiskarta l-opinjoni tat-tlett periti addizzjonali. Ma hemmx provi biżżejjed biex jiġġustifikaw l-assunt illi l-profitti futuri kellhom ikunu daqs il-medja mensili taż-żmien sakemm damet in eżistenza s-soċjeta. Hemm wisq fatturi li jridu jittieħdu in konsiderazzjoni u li jinfluwixxi fuq dawn il-profitti futuri, biċċa soġġettivi u biċċa oġġettivi, biċċa previdibili u biċċa mprevidibili u dipendenti minn ċirkostanzi mponderabili, u li fuqhom l-istess soċji ma kienx jista' jkollhom kontroll. Barra minn dan il-profitti fl-aħħar sentejn kienu fuq dixxesa markata u dan huwa fattur ieħor li ma jeskludix illi s-soċjeta setgħet fil-fatt tkompli sejra lura kieku baqgħet in eżistenza. L-attur sab ruħu f'posizzjoni ferm svantaġġjuża billi d-Ditta Simonds Farsons Cisk ma setgħetx tipprovdi elementi li fuqhom tista' tiġi bażata likwidazzjoni b'ċerta eżattezza, imma mill-banda l-oħra l-konvenut ma' jistax jiġi kkundannat iħallas il-profitti li setgħu avveraw ruħhom u setgħu wkoll ma avverawx.

In kwantu għall-likwidazzjoni tad-danni kif magħmula mill-periti addizzjonali l-Qorti jidhrilha illi għandha taċċetta l-likwidazzjoni kif magħmula mill-periti komputisti Darmanin u Arrigo billi dina fil-fatt taqbel ukoll ma l-ewwel perizzja (apparti mill-kwistjoni tad-deduzzjoni tad-deprezzament tat-trucks) għal dak li jirrigwarda l-versament da parti tal-attur fil-fond soċjali. Il-perit komputista Busuttil ħa bħala basi tal-valutazzjoni tal-avvjament il-mument li ġiet terminata s-soċjeta, pero kif sewwa rrileva l-attur fin-nota ta' l-osservazzjoni tiegħu hawn si tratta ta' likwidazzjoni ta' danni u mhux sempliċi likwidazzjoni ta' soċjeta, u jekk is-soċjeta tilfet ir-rappresentenza tad-Ditta Farsons minħabba l-aġir tal-konvenut almenu għandu jieħu lura l-flus li huwa ħareġ biex sata jidħol fis-soċjeta u li kienet ilha in eżistenza sitta u erbgħin xahar biss mill-mija u għoxrin xahar kontemplati fl-att kostitutiv. Dawn huma flus sborzati mill-attur

u mħallsa lill-konvenut, li, kieku ma kellux jirrestitwihom kollha, kien jillokupleta ruħu nġustament a dannu tal-attur.

Il-Qorti pero tara illi fil-waqt illi l-attur għandu jieħu lura l-flus li ħallas għall-valur tal-avvjament, huwa ġust illi mill-flus li ħallas għall-valur tat-trucks inaqqas id-deprezzament tal-istess trucks kif kalkolat mill-ewwel periti, għaliex servew għall-produzzjoni ta' dawn il-profitti u kwindi anqas ma huwa xieraq illi l-attur jieħu l-valur intier meta da— it-trucks fil-fatt kienu llogoraw ruħhom u l-valur tagħh naqas.

Il-Qorti taqbel ukoll mal-periti addizzjonali illi l-attur huwa ntitolat għal tmienja u tlettin lira u disgħa xelini (£38.9.0) nofs is-sitta u sebgħin lira u tmientax il-xelin (£76.18.0) li kienu depositati l-Bank.

Għalhekk l-attur huwa ntitolat li jieħu lura bħala danni l-ammont ta' ħamest elef u tmien mitt lira għar-raġunijiet

| | |
|---|---|
| li ntqalu fuq ... ... ... ... ... | £5,800. 0. 0 |
| nieqes id-deprezzament tat-trucks ... | 327.18. 2 |
| | £5,472. 1.10 |
| Piu nofs id-depositu fuq imsemmi ... | 38. 9. 0 |
| | £5,510.10.10 |

jiġifieri ħamest elef ħames mija u għaxar liri, għaxar xelini u għaxar soldi.

Rat in-nota ta' l-appell tal-konvenut u l-petizzjoni tiegħu li biha talab illi dik is-sentenza tiġi riformata billi s-somma ta' ħamest elef, ħames mija u għaxar liri, għaxar

xelini, u għaxar soldi (£5510.10.10) li hu ġie kkundannat iħallas tiġi ridotta f'somma iżgħar li tiġi likwidata minn din il-Qorti skond il-kriterji esposti fil-petizzjoni, u tiġi revokata in kwantu kkundannatu jħallas l-imgħaxijiet min-notifika taċ-ċitazzjoni u jiġi minflok deċiż illi l-imgħaxijiet għandhom jiddekorru mil-likwidazzjoni definitiva li tagħmel din il-Qorti, bl-ispejjeż.

Rat ir-risposta ta' l-appellat li qal illi s-sentenza appellata *hi ġusta u timmerita konferma bl-ispejjeż.*

Rat l-atti kollha tal-kawża, semgħet it-trattazzjoni u kkunsidrat:—

Bis-sentenza ta' din il-Qorti tas-sebgħa u għoxrin ta' Jannar, 1958 ġew milqugħa l-ewwel żewġ domandi taċ-ċitazzjoni billi ġie dikjarat illi l-aġenzija tas-soċjeta "Spiteri and Psaila" intilfet minħabba ħtija tal-konvenut (issa appellant) u li għalhekk hu responsabbli lejn l-appellat tad-danni li sofra in konsegwenza ta' dik il-ħtija għad-detriment ta' l-istess soċjeta.

Bis-sentenza issa appellata d-danni sofferti mill-appellat ġew likwidati fis-somma ta' ħamest elef, ħames mija u għagħaxar liri, għaxar xelini u għaxar soldi (£5,510.10.10) u l-appellant ġie kkundannat li jħallas dik is-somma bl-imgħax kummerċjali mid-data tan-notifika taċ-ċitazzjoni u bl-ispejjeż tal-kawża kif mitluba fl-istess ċitazzjoni.

L-appellant jilmenta minn dik is-sentenza tant għaliex jidhirlu illi l-imgħax ma messhomx ġewx akkordati minn notifika taċ-ċitazzjoni.

Ikkunsidrat fuq l-ammont tad-danni.

It-teżi ta' l-appellant hija illi l-likwidazzjoni magħmula fis-sentenza appellata hija bażata fuq il-prezz li Evaristo Psaila kien ħallas għall-akkwist ta' nofs l-avvjament ta' l-aġenzija: dan il-prezz pero ma kienx verament ta' ħamest elef u tmien mitt lira (£5,800) billi dan il-prezz kien jikkomprendi żewġ trucks, għodod u dritt ta' inkwilinat u dawn l-oġġetti għadhom jeżistu u messhom jiffurmaw oġġett ta' likwidazzjoni tas-soċjeta u ma jmisshomx jidħlu fil-kalkolu tad-danni. Pero — apparti min dan — l-avvjament m'għandux jiġi valutat fid-data li ntilfet l-aġenzija bl-istess valur li kellu meta Evaristo Psaila xtrah tlett snin u għaxar xhur qabel, imma bil-kriterju adottat mill-perit komputista Paul Busuttil ta' "number of years purchase" — b'dana pero illi anki l-valur kalkolat b'dan il-metodu min Busuttil għandu jonqos kif suġġerit fil-petizzjoni.

Il-Qorti, wara li ħasbet sewwa, jidhrilha illi għandha tadotta l-likwidazzjoni kif magħmula minn Paul Busuttil.

Għall-ewwel kienu ġew nominati bħala periti biex jillikwidaw id-danni l-Avukat Dottor John Anastasi u l-accountant Joseph Cost Chretien. Peress illi s-soċjeta "Spiteri and Psaila" kienet ħadmet biss għal sitta u erbgħin xahar mentri kienet ġiet kontrattata għal għaxar snin, dawk il-periti ikkalkolaw — għab-bażi tal-profitti magħmula ma tul dawk is-sittà u erbgħin xahar u ma tul id-dsatax il-xahar qabel li fihom l-aġenzija tad-ditta "Simonds-Farsons Cisk Ltd." kienet ġestita mill-appellant waħdu — il-profitti li Evaristo Psaila kellu aspettativa li jagħmel sa l-għeluq ta' dawk l-għaxar snin. Huwa stmawhom tlett elef, erbgħa mija u erbgħa u sittin lira, tlett xelini u sebgħa soldi u nofs (£3,464. 3.7½). Ma din is-somma huma mbagħad żiedu, bħala danni għak-kariku ta' l-appellant ir-rifusjoni ta' dak kollu (cioe £5,800) li Evaristo Psaila kien ħallas lill-appellant għall-akkwist ta' nofs l-avvjament ta' l-aġenzija, trucks u għodod

li hu kkonferixxa fis-soċjeta, bin-nuqqas ta' tlett mija u sebgħa u għoxrin lira, tmientax-il-xelin u żewġ soldi (£327. 18.2) għal deprezzament tat-trucks.

L-appellant talab in-nomina ta' periti perizzjuri u ġew nominati l-Prokuratur Legali Boris Darmanin, Edward Arrigo u Paul Busuttil. Dawn it-tliet periti qablu maż-żewġ periti ta' qabel illi l-fatt, illi d-ditta "Simonds, Farsons, Cisk Ltd." ma kienetx żammet kontijiet separati tal-kummerċ tagħha għad-distrett ġa operat mis-soċjeta "Spiteri and Psaila" u n-nuqqas ta' informazzjonijiet oħra, kienu jirrendu diffiċli li jiġu kkalkolati l-profitti illi setgħu jsiru minn dik is-Soċjeta għaż-żmien li kien baqa meta l-aġenzija ġiet imneħħija. Anzi billi l-provi kienu juru illi l-qliegħ tas-soċjeta mis-sena 1949 beda kull sena jonqos sa kemm spiċċat b'telf, il-periti perizjuri Darmanin u Arrigo — kuntrarjament għall-ewwel żewġ periti — sabu li ma kienux jistgħu jakkordaw l-ammont appellat bħala danni għal telf ta' qliegħ potenzjali għaż-żmien li kien għad baqgħala s-soċjeta u li kull ma setgħu jakkordaw lill-appellat kienet ir-rifusjoni ta' l-ammont ta' ħamest elef u tmien mitt lira (£5,800) li Evaristo Psaila kien ħallas lill-appellant għall-akkwist tan-nofs ta' l-avvjament ta' l-aġenzija, eċċ., kif imsemmi hawn fuq. Ma dak l-ammont huma żiedu disgħa u tletin lira u dsatax-il-xelin (£39. 19.0), nofs tal-'cash' fil-bank u ma naqqsu xejn għad-deprezzament tat-trucks; b'dan il-mod is-somma totali li huma llikwidaw bħala dovuta lill-appellat ġiet f'ħamest elef, tmien mija u disgħa u tletin lira u dsatax-il-xelin (£5839. 19.0).

Paul Busuttil qabel ma Darmanin u Arrigo illi, għal dak li huwa telf ta' qliegħ sperat, ma setgħax jiġi likwidat ammont dovut lill-appellat u qabel magħhom ukoll illi d-danni għandhom jikkonsistu biss fis-sehem ta' l-avvjament ta' l-aġenzija li ġiet mitlufa bi ħtija ta' l-appellant. Fejn Busuttil ma qabelx maż-żewġ periti perizjuri l-oħra kien dwar il-mod

kif kellu jiġi stmat il-valur ta' dak l-avvjament. Busuttil deherlu illi kellu jittieħed il-valur b'riferenza għal meta l-aġenzija intilfet u mhux b'riferenza għal meta kien xtara nofs l-avvjament tagħha Evaristo Psaila.

L-ewwel Onorabbli Qorti ġustament ma qagħdetx fuq il-likwidazzjoni magħmula mill-ewwel żewġ periti. Fi kwalunkwe każ, fin-nuqqas ta' appell, prinċipali jew inċidentali, da parti ta' l-appellat, ebda ammont superjuri għal dak akkordat mill-ewwel Onorabbli Qorti ma' jista' jiġi kunsidrat u anqas ma tul it-trattazzjoni tal-kawża l-appellat stess ma ddefenda bl-ebda mod il-konklużżjoni li kienu waslu għaliha dawk il-periti.

L-ewwel Onorabbli Qorti aċċettat iċ-ċiffra suġġerita mill-periti perizjuri Darmanin u Arrigo għaliex irriteniet illi hawn si tratta ta' likwidazzjoni ta' danni u mhux ta' sempliċi likwidazzjoni ta' soċjeta u jekk is-soċjeta tilfet ir-rappresentenza tad-ditta "Simonds, Farsons, Cisk Ltd." minħabba l-aġir ta' l-appellant, l-appellat almenu għandu jieħu lura l-flus li Evaristo Psaila kien ħareġ biex sata jidħol fis-soċjeta li damet in eżistenza sitta u erbgħin xahar biss mill-mija u għoxrin xahar kontemplati fl-att kostituttiv: dawn kienu flus sborżati minn Evaristo Psaila u mħallsa lill-appellant u kieku dan ma kellux jirrestitwihom kien ikun qed jillokupleta ruħu b'dannu ta' l-appellant. Mill-ammont pero akkordat mill-periti Darmanin u Arrigo l-ewwel Onorabbli Qorti ddeduċiet tlett mija u sebgħa u għoxrin lira, tmientax il-xelin u żewġ soldi (£327.18.2) għad-deprezzament tat-trucks li kienu servew għall-produzzjoni tal-profitti magħmulin mis-soċjeta kemm damet isseħħ.

Issa din il-Qorti jidhrilha illi trattandosi ta' riżarċiment ta' danni l-piż tal-prova tagħhom kien mixħut fuq l-appellant li qed jippretendihom. Id-deċiżżjoni ta' dan il-Qorti illi

l-appellant hu responsabbli tat-telfien ta' l-aġenzija da parti tas-soċjeta u li, kwindi, hu responsabbli tad-danni lejn l-appellat, ma kienetx tiddispensa lill-istess appellat li jipprova d-danni realment sofferti minnu. Dan ma jfisserx illi hu kellu jippruvahom bilfors b'mod dirett u li ma jistgħux jittieħdu f'kunsiderazzjoni probabilitajiet fondati u jsiru kalkoli approssimattivi: imma, fil-fehma tal-Qorti, ifisser illi fin-nuqqas ta' provi soddisfaċenti aħjar da parti ta' l-appellat mhux 'safe' illi jiġu akkordati lilu iżjed mill-'minimum' li jista' jiġi aċċettat bi grad ta' konvinzjoni morali da parti tal-Qorti.

Pero apparti minn dan, il-Qorti taħseb illi hu konvinċenti l-argument ta' l-appellant illi d-dannu f'dan il-każ għandu jiġi kkalkolat kif dejjem jiġi kkalkolat id-dannu materjali, ċioe għab-bażi ta' dak li ġie mitlub minn min sofrieh. Issa x'kien it-telf ta' Evaristo Psaila? Hu tilef dak li allura kien jippossiedi, ċioe nofs l-azjenda tas-soċjeta fiż-żmien li din ġiet irtirata mid-ditta 'Simonds, Farsons, Cisk Ltd.' L-ammont li, fil-bidu, kien ħallas biex akkwista dak in-nofs Evaristo Psaila m'hux determinanti. Il-valur sata kien għola sa dan it-tant imma sata wkoll kien naqas: kif jidher appuntu li kien naqas fil-każ preżenti minħabba li l-profitti li s-soċjeta kienet kapaċi tagħmel kemm damet fis-seħħ, kienu minn sena għall-oħra naqsu sa kemm fl-aħħar żmien mhux talli ma kienx hemm profitti imma anzi kien hemm telf.

Hawn il-Qorti tixtieq tirrileva wkoll illi — ankorke l-appellant ġie dikjarat responsabbli tat-telfien ta' l-aġenzija, b'dana kollu — kif irrilevaw il-periti perizzjuri Darmanin u Arrigo (fol. 230) "ma ġiex assodat illi l-perdita in axxendenza kontinwa għandha tiġi mputata għar-responsabbilta ta' (l-appellant). Anki l-ewwel żewġ periti, kif ukoll Paul Busuttil askrivew in-nuqqas ta' profitti għal diversi fatturi, indipendenti minn kull ħtija da parti ta' l-appellant, bħal ma

huma l-introduzzjoni fis-suq ta' birrer oħra u ta' diversi kwalitajiet ta' soft drinks, u l-fatt li l-prezz tal-birra kien għola.

Dan vwoldiri illi l-valur ta' l-avvjament li tilef Evaristo Psaila bi ħtija ta' l-appellant, fil-mument li tilfu, ma setax kien l-istess bħal meta hu kien akkwistah fi żmien meta l-aġenzija kienet qegħda tagħmel profitti tajba.

Il-fatt illi meta l-aġenzija ntilfet, ma jfisserx, ċertament, bilfors illi l-avvjament tagħha kien tilef kull valur, għax ma' jistax jiġi eskluż illi setgħat terġa tiffjurixxi: iżda jfisser żgur illi ma kienx għad għandu dak il-mument l-istess valur ta' snin qabel.

Fil-fehma tal-Qorti l-metodu adottat minn Paul Busuttil biex jistma l-valur tiegħu kien, fiċ-ċirkostanzi tal-każ, ekwu u ġust. Dan il-metodu hu spjegat fir-rapport tiegħu u fix-xhieda tiegħu u m'hemmx bżonn illi jerġgħu jiġu ripetuti hawnhekk id-dettalji tiegħu. Il-Qorti għalhekk taċċetta ċ-ċiffra stabbilita minn Busuttil ta' tlett elef, sebgħa mija u sitta u tmenin lira u disgħa xelin (£3786.9.0). Din iċ-ċiffra kienet subordinata għall-kondizzjoni (kif kienet ukoll iċ-ċiffra suġġerita miż-żewġ periti perizjuri l-oħra) illi jibqgħu ta' proprjeta ta' l-appellant id-depożitu eżistenti fir-Reġistru tal-Qorti biċ-ċedola numru 49/1953 kif ukoll iż-żewġ trucks u l-assets kollha li kellha s-soċjeta fil-wieħed u tlettin ta' Mejju, 1952.

Forsi jista' jiġi rilevat illi, jekk stess tittieħed bħala valur ta' l-avvjament għal għaxar snin, iċ-ċiffra tal-periti Darmanin u Arrigo, jidher li hu ġust li minnha tiġi dedotta parti korrispondenti għaż-żmien li s-soċjeta ħadmet u Evaristo Psaila gawda l-profitti tagħha. Din il-proporzzjon hija

ta' sitta u erbgħin xahar minn mija u għoxrin: u jekk din tiġi detratta l-valur li jibqa' mill-ħamest elef u tmien mitt lira (£5800) jiġi jikkorrispondi kważi eżattament għaċ-ċiffra ta' Paul Busuttil.

**Ikkunsidrat fuq l-imgħaxijiet**

Fis-sentenza appellata m'hemmx miġjubin ir-ragunijiet li għalihom l-ewwel Onorabbli Qorti akkordat l-imgħaxijiet kummerċjali "kif mitlubin fiċ-ċitazzjoni," jiġifieri min-notifika tagħha.

Il-kreditu li ġie pretiż biċ-ċitazzjoni kien indubbjament illikwidu, tant illi fiċ-ċitazzjoni intalab li jiġi likwidat, okkorrendo b'opera ta' periti, u l-kundanna intalbet għall-ammont li jiġi hekk likwidat.

Ma jidherx illi f'dan il-każ tirrikorri xi waħda mill-eċċezzjonijiet li huma ammessi għall-prinċipju "in illiquidi non fit mora."

L-appellat issottometta illi fil-każ preżenti l-interessi jirrappresentaw il-"lucrum cessans:" fuq il-parir tal-periti Darmanin u Arrigo — akkordatlu r-restituzzjoni ta' dak li Evaristo Psaila kien ħareġ, hu ntitolat għall-interessi fuq dak l-ammont flok il-profitt: l-imgħax jirrappreżenta — żied jgħid l-appellat — il-profitti potenzjali.

Din il-Qorti, pero, kif intqal fl-ewwel parti ta' din is-sentenza, mhix tadotta l-parir ta' dawk iż-żewġ periti: imma qiegħda tadotta l-parir ta' l-perit Busuttil u l-kalkolu ta' dan mhux bażat fuq dak li kien ħareġ Evaristo Psaila. Inoltre anki meta si tratta ta' nteressi kompensativi u mhux moratorji jidher li, skond id-dottrina, il-Qorti għandha diskrezzjoni minn meta takkordahom. Invista ta' l-ammont likwidat għala tannu li l-Qorti tirritjeni li, fiċ-ċirkostanzi tal-każ,

ixaqleb pjuttost favur l-appellat, il-Qorti ma jidhriliex li għandha takkorda l-imgħax ħlief mid-data ta' dik is-sentenza. Jidher ukoll mhux barra minn loku r-riliev magħmul mill-appellant fis-sens illi ammont ta' fuq elfejn u mitejn lira (£2,200) li kien għadu dovut minn Evaristo Psaila skond il-kuntratt bħala bilanċ tal-prezz ta' nofs l-avvjament eċċ. ta' l-imsemmija azjenda, ġie mill-appellat depożitat il-Qorti u minnufih minnu sekwestrat in kawtela tal-pretensjoni tiegħu f'din il-kawża b'mod illi l-appellant baqa' pprivat min dak l-ammont sal lum.

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċiedi billi tilqa' l-appell fis-sens illi għall-finijiet tat-tielet domanda taċ-ċitazzjoni tillikwida d-danni fl-ammont ta' tlett elef, sebgħa mija u sitta u tmenin lira u disgħa xelini (£3786.9.0) u għall-finijiet tar-raba domanda tikkundanna lill-appellant iħallas dak l-ammont bl-imgħax kummerċjali fuqu mil-lum — u f'dan is-sens tirriforma s-sentenza appellata fil-meritu.

L-ispejjeż li ma ġewx ġa definitivament deċiżi jitħallsu, dawk ta' prim'istanza ⅔ mill-appellant u ⅓ mill-appellat, u dawk ta' l-appell ⅔ mill-appellat u terz mill-appellant.